PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

PROVIŻORJU
**2005/0261(COD)**

22.8.2006

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali (Ruma I)
(COM(2005)0650 – C6-0441/2005 – 2005/0261(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Maria Berger

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċ ħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċ ħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test kon ġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekni ċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 20

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta ghal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali (Ruma I)**
**(COM(2005)0650 – C6-0441/2005 – 2005/0261(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM2005/0650)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251 (2) u l-Artikoli 61(c) u 67(5) tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C6-0441/2005),

– wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex għal darb'oħra tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk bi ħsiebha temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tissostitwiha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
| --- | --- |

Emenda 1
Premessa 7

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

| | |
|---|---|
| (7) Il-libertà tal-partijiet li jagħżlu l-liġi applikabbli għandha *ssawwar il-pedament* tas-sistema tar-regoli *tal*-kunflitti *tal*-liġijiet fil-materja ta' l-obbligi kuntrattwali. | (7) Il-libertà tal-partijiet li jagħżlu l-liġi applikabbli għandha *tkun wieħed mill-pedamenti* tas-sistema tar-regoli *dwar* kunflitti *bejn il*-liġijiet fil-materja ta' l-obbligi kuntrattwali. ***Libertà bħal din tinkludi d-dritt li tintgħażel bħala l-liġi applikabbli prinċipji u regoli tal-liġi materjali li huma rrikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Madankollu, prinċipji u regoli bħal dawn għandhom jikkonformaw ma' ċerti standards minimi sabiex ikunu eliġibbli. B'mod partikulari, għandhom jinħolqu minn korp indipendenti, imparzjali u newtrali; il-kontenut tagħhom għandu jkun ibbilan ċjat u protett kontra l-evażjoni u l-abbuż minn ċerti regoli mandatorji; u g ħandhom jirregolaw id-drittijiet u d-doveri b'mod raġonevolment komprensiv. Dawn il-kundizzjonijiet jintlaħqu, pere żempju, mill-Prinċipji dwar Kuntratti Kummerċjali Internazzjonali ta' l-UNIDROIT.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-test addizzjonali għandu jinqara flimkien ma' l-ewwel subparagrafu emendat ta' l-Artikolu 3(2).*

Emenda 2
Premessa 11

| | |
|---|---|
| (11) Fir-rigward ta' kuntratti individwali ta' impjieg, ir-regola *tal-kunflitt* għandha tag ħmilha possibbli li tidentifika ċ-ċentru tal-gravità tar-relazzjoni ta' *impjieg.* ***Din ir-regola hija mingħajr preġudizzju*** għall-applikazzjoni tar-regoli mandatorji tal-pajjiż fejn jinbagħat l-impjegat skond id-Direttiva 96/71/KE tas-16 ta' Diċembru dwar l-impjegati mibgħuta fil-qafas *tad-dispo żizzjoni tas*-servizzi. | (11) Fir-rigward ta' kuntratti individwali ta' impjieg, ir-regola *dwar kunflitti bejn liġijiet* għandha tagħmilha possibbli li tidentifika ċ-ċentru tal-gravità tar-relazzjoni ta' impjieg, *u tħares lil hinn mill-apparenzi.* ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju*** g ħall-applikazzjoni tar-regoli mandatorji tal-pajjiż fejn jintbagħat l-impjegat skond id-Direttiva 96/71/KE tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar impjegati mibgħuta fil-qafas *ta' l-għoti ta'* servizzi. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tifsira tat-test oriġinali hija dejqa wisq ("din ir-regola") u mhix ċara biżżejjed.*

Emenda 3
Artikolu 2

*Il-*liġi *magħżula minn dan* ***ir-Regolament*** tapplika anke jekk din *mhijiex dik* ta' Stat Membru.

*Kwalunkwe* liġi *speċifikata f'dan* ***ir-Regolament*** tapplika anke jekk din *ma tkunx liġi* ta' Stat Membru.

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija korrezzjoni ta' żball ċar.*

Emenda 4
Artikolu 3, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. Il-partijiet *jisgħu ukoll jagħżlu* bħala l-li ġi applikabbli l-prinċipji u r-regoli tal-liġi materjali tal-kuntratti, rikonoxxuti *fuq il-livell* internazzjonali ***jew komunitarju.***

2. Il-partijiet *jistgħu jagħżlu wkoll* bħala l-li ġi applikabbli l-prinċipji u r-regoli tal-liġi materjali tal-kuntratti, rikonoxxuti *fuq livell* internazzjonali.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-premessa 7 emendata hija maħsuba biex tikkjarifika din id-dispożizzjoni.*

*Barra minn hekk, mhuwiex mixtieq li f'dan ir-Regolament issir riferenza indiretta għal sistema ta' riferiment komuni li għadha ma teżistix, b'mod partikulari peress li mhux ċar x'sura se jieħu dak il-korp ta' termini kuntrattwali u fuq liema bażi legali se jiġi adottat.*

Emenda 5
Artikolu 4, paragrafu 1

1. *Fin-nuqqas ta' għażla* skond l-Artikolu 3, il-*kuntratti li jiġu wara għandhom ikunu* ***rregolati kif ġej:***

***(a) il-kuntratt ta' bejgħ għandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih il-bejjiegħ għandu r-residenza normali tiegħu;***

1. *Peress li l-liġi applikabbli għall-kuntratt ma ntgħażlitx* skond l-Artikolu 3, il-*kuntratt* għandu jiġi rregolat skond il-liġi ***tal-pajjiż fejn ikollha l-eqreb rabta.***

***(b) il-kuntratt tal-forniment tas-servizzi g ħandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih il-fornitur tas-servizz għandu r-residenza normali tiegħu;***

***(c) il-kuntratt ta' transport għandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih it-trasportatur għandu r-residenza normali tiegħu;***

***(d) il-kuntratt li jikkonċerna dritt in rem jew dritt ta' użu ta' propjetà immobbli g ħandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih tinsab il-propjetà;***

***(e) minkejja punt d), il-kera deċiża għall-użu temporanju ta' proprjetà immobbli g ħal perjodu massimu ta' sitt xhur konsekuttivi għandha tiġi rregolata bil-li ġi tal-pajjiż li fih il-proprjetarju għandu r-residenza normali tiegħu, bil-kondizzjoni li l-kerrej huwa persuna naturali u g ħandu r-residenza normali tiegħu f'dan l-istess pajjiż;***

***(f) il-kuntratt li jikkonċerna l-proprjetà intellettwali jew industrijali għandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih il-persuna li trasferiet jew li tat id-drittijiet għandha r-residenza normali tagħha;***

***(g) il-kuntratt ta' konċessjoni għandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih il-kon ċessjonarju għandu r-residenza normali tiegħu;***

***(h) il-kuntratt tad-distribuzzjoni għandu ji ġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih id-distributur għandu r-residenza normali tiegħu;***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa maħsub li l-proposta tal-Kummissjoni hija wisq stretta u tonqos milli tagħti biżżejjed lok għal diskrezzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, mhijiex aġġornata mar-regoli dwar kunflitt bejn liġijiet ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex fl-UE, li min-naħa ta' l-armonizzazzjoni dinjija tar-regoli dwar kunflitt bejn liġijiet, mhix xi ħaġa mixtieqa. Barra minn hekk, l-emendi stipulati hawnhekk għall-Artikolu 4 huma mfassla fuq linji simili għad-dispo żizzjonijiet korrispondenti ta' Ruma II kif emendati mill-Parlament fl-ewwel qari sabiex jo*

*ħolqu bilanċ xieraq bejn regola stretta u l-lok għad-diskrezzjoni. Dan jintlaħaq billi titfassal regola bażika fl-Artikolu 4(1) u li tiġi segwita minn serje ta' suppożizzjonijiet fil-paragrafi 1a u 1b u minn dispożizzjoni eċċezzjonali fil-paragrafu 2.*

*Barra minn hekk, huwa maħsub li mhijiex meħtieġa regola speċifika dwar kuntratti ta' kon ċessjoni.*

Emenda 6
Artikolu 4, paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. Għandu jiġi preżunt li l-kuntratt huwa marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn il-parti li se jwettaq ix-xogħol li huwa karatteristiku tal-kuntratt għandu r-residenza abitwali tiegħu fiż-żmien meta l-kuntratt jiġi konkluż.***

Emenda 7
Artikolu 4, paragrafu 1 b (ġdid)

***1b. B'mod partikulari, kuntratt għandu ji ġi preżunt li huwa marbut mill-iktar qrib skond kif ġej:***

Emenda 8
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (a) (ġdid)

***(a) il-kuntratt ta' bejgħ għandu jkun pre żunt li huwa marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn il-bejjiegħ ikollu r-residenza abitwali tiegħu;***

Emenda 9
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (b) (ġdid)

***(b) kuntratt għall-forniment ta' servizzi g ħandu jkun preżunt li huwa marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn il-fornitur tas-servizz ikollu r-residenza abitwali tiegħu;***

Emenda 10
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (c) (ġdid)

***(c) kuntratt ta' trasport għandu jkun pre żunt li huwa marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn dak li jittrasporta jkollu r-residenza abitwali tiegħu;***

Emenda 11
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (d) (ġdid)

***(d) kuntratt li jikkonċerna dritt in rem jew dritt ta' użu ta' proprjetà immobbli g ħandu jiġi preżunt li huwa marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn tkun tinsab il-proprjetà;***

Emenda 12
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (e) (ġdid)

***(e) minkejja l-punt (d), il-kera deċiża g ħall-użu temporanju ta' proprjetà immobbli għal perjodu massimu ta' sitt xhur konsekuttivi għandha tiġi preżunta li tkun marbuta mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn sid il-kera jkollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kundizzjoni li l-kerrej ikun persuna naturali u jkollu r-residenza abitwali tiegħu f'dan l-istess pajjiż;***

Emenda 13
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (f) (ġdid)

***(f) kuntratt li jikkonċerna d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew industrijali g ħandu jiġi preżunt li jkun marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn il-persuna li tittrasferixxi jew li tassenja d-drittijiet jkollha r-residenza abitwali tagħha;***

Emenda 14
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (g) (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(g) kuntratt ta' distribuzzjoni għandu jiġi preżunt li jkun marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn id-distributur ikollu r-residenza abitwali tiegħu;*** |

Emenda 15
Artikolu 4, paragrafu 1b, punt (h) (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(h) kuntratt ta' assikurazzjoni għandu jkun preżunt li jkun marbut mill-iktar qrib mal-pajjiż fejn ikun jinsab ir-riskju assikurat.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meqjus utli li wieħed jinkludi suppożizzjoni speċifika f'kuntratti ta' l-assikurazzjoni. Kuntratti ta' l-assikurazzjoni ċertament huma parti integrali mil-liġi ta' l-obbligi, u bħala kuntratti ta' servizz, jistgħu jitqiesu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1 ab)(b). Madankollu, dan ma tantx huwa ta' għajnuna, għax meta l-liġi tal-pajjiż fejn l-assikuratur ikollu r-residenza tiegħu ssir il-liġi applikabbli, jiġu ttraskurati l-interessi tal-parti l-iktar dgħajfa fil-kuntratt ta' l-assikurazzjoni u jkun hemm kunflitt ma' dik li diġà tkun prattika standard għal kuntratti li jassikuraw riskju fl-UE. Għalhekk il-post fejn ir-riskju jiġi assikurat, li huwa regolat b'mod speċifiku mid-direttivi ta' l-UE, għandu jiġi inkluż bħala element li jindika l-eżistenza ta' rabta partikularment mill-qrib bejn il-kuntratt ta' l-assikurazzjoni u l-liġi ta' pajjiż speċifiku.*

Emenda 16
Artikolu 4, paragrafu 2

| | |
|---|---|
| ***2. Il-kuntratti li ma jissemmewx fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rregolati bil-liġi tal-pajjiż li fih il-parti li trid twettaq il-prestazzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt ikollha, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għandha r-residenza normali tag ħha. Meta t-twettiq ta' din il-prestazzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt ma tistax tiġi identifikata, il-kuntratt għandu jiġi rregolat bil-liġi tal-pajjiż li miegħu g ħandu l-eqreb rabta.*** | ***2. Bħala eċċezzjoni, is-suppożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1a u 1b jistgħu ma jitqisux jekk ikun jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li l-kuntratt ikun iktar marbut mill-qrib ma' pajjiż ie ħor.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa maħsub li l-proposta tal-Kummissjoni hija wisq stretta u tonqos milli tagħti biżżejjed lok għal diskrezzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, mhijiex aġġornata mar-regoli ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex fl-UE dwar kunflitti bejn liġijiet, li min-naħa ta' l-armonizzazzjoni dinjija tar-regoli dwar kunflitti bejn liġijiet, mhix xi ħaġa mixtieqa. Barra minn hekk, l-emendi stipulati hawnhekk għall-Artikolu 4 huma mfassla fuq linji simili għad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' Ruma II kif emendati mill-Parlament fl-ewwel qari sabiex joħolqu bilanċ xieraq bejn regola stretta u l-lok għad-diskrezzjoni. Dan jintlaħaq billi titfassal regola bażika fl-Artikolu 4(1) u li tiġi segwita minn serje ta' suppożizzjonijiet fil-paragrafi 1a u 1b u minn dispożizzjoni eċċezzjonali fil-paragrafu 2.*

*Barra minn hekk, huwa maħsub li mhijiex meħtieġa regola speċifika dwar kuntratti ta' kon ċessjoni.*

Emenda 17
Artikolu 5 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a - Kuntratti ta' l-assikurazzjoni obbligatorji*** |
| | ***Il-liġi applikabbli għal kuntratti ta' l-assikurazzjoni obbligatorji għandhom ikunu l-liġi ta' l-Istat li tippreskrivi l-obbligu li għandha ssir assikurazzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm nuqqas ta' regoli speċifiċi dwar kuntratti ta' l-assikurazzjoni konklużi fuq il-bażi ta' obbligu statutorju li għandha ssir l-assikurazzjoni. Assikurazzjoni obbligatorja hija suġġetta għar-regoli tal-politika pubblika tal-pajjiż li, fl-interess pubbliku, ikun ippreskriva l-obbligu li għandha ssir assikurazzjoni. Dawk ir-regoli s-soltu jinkludu rekwiżiti legali dwar l-għamla, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni. Kuntratti ta' l-assikurazzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawk ir-regoli sabiex jilħqu r-rekwiżiti legali. Dan jista' jiġi żgurat biss billi l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni obbligatorju jiġi suġġett bis-sħiħ għal-liġi tal-pajjiż li jippreskrivi l-obbligu li għandha ssir assikurazzjoni. M'hemmx lok għall-għażla tal-liġi mill-partijiet fil-kuntratt.*

Emenda 18
Artikolu 6, paragrafu 1

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, ***fil-***kuntratt ta' *impjieg, l-għażla mill-partijiet tal-liġi applikabbli ma tistax* twassal li ċċaħħad l-impjegat mill-protezzjoni mogħtija lilu permezz tar-regoli mandatorji tal-liġi li għandha tkun applikabbli skond dan l-Artikolu *fin-nuqqas ta' għażla.*

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, ***f'***kuntratt ***individwali*** ta' *impjieg l-għażla ta' liġi mill-partijiet m'għandhiex* twassal li ċċaħħad l-impjegat mill-protezzjoni mogħtija lilu permezz tar-regoli mandatorji tal-liġi li*, fin-nuqqas ta' għażla,* għandha tkun applikabbli skond dan l-Artikolu.

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li t-test ma jkunx fl-ebda mod ambigwu dwar il-fatt li huma koperti kuntratti ta' impjieg individwali u mhux ftehimiet kollettivi.*

Emenda 19
Artikolu 6, paragrafu 2, parti introduttorja

2. Fin-nuqqas ta' għażla skond l-Artikolu 3, ***kuntratt*** ta' impjieg għandu jkun irregolat:

2. Fin-nuqqas ta' għażla skond l-Artikolu 3, ***kuntratt individwali*** ta' impjieg għandu jkun irregolat:

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li t-test ma jkun bl-ebda mod ambigwu dwar il-fatt li huma koperti kuntratti ta' impjieg individwali u mhux ftehimiet kollettivi.*

Emenda 20
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a)

(a) *bil*-liġi tal-pajjiż *li fih* ***jew minnu*** l-impjegat normalment jeżerċita l-impjieg tieg ħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt. ***Il-post ta' e żekuzzjoni normali ta' l-impjieg m'g handux jitqies li nbidel jekk il-persuna hija impjegata temporanjament f'pajjiż ie ħor. It-twettiq ta' l-impjieg f'pajjiż ieħor huwa kkunsidrat bħala wieħed temporanju meta l-impjegat huwa mistenni li jerġa' lura għall-impjieg fil-pajjiż ta' oriġini meta jkun wettaq l-inkarigu tiegħu fil-pajjiż barrani. Il-konklużjoni ta' kuntartt ġdid ta' impjieg ma' min iħaddem oriġinarjament jew minn persuna li tħaddem li tagħmel parti mill-istess grupp ta' kumpaniji ta' dak li j ħaddem oriġinarjament, ma teskludix li l-impjegat jeżerċita l-impjieg tiegħu f'pajjiż ieħor b'mod temporanju;***

(a) *mil*-liġi tal-pajjiż *fejn* l-impjegat normalment jeżerċita l-impjieg tiegħu fl-e żekuzzjoni tal-kuntratt;

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6 tfassal mill-ġdid sabiex tiġi introdotta sistema bi tliet safef fil-każ ta' kuntratti ta' impjieg individwali. Skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar ir-Regolament Brussell I, ir-regola ewlenija għandha tistipula l-liġi tal-locus laboris, jiġifieri l-post fejn ix-xogħol fil-fatt isir. Ir-regola sekondarja (il-liġi tal-pajjiż "minn fejn" l-impjegat b'mod abitwali jagħmel xogħolu) għandha tkopri, pereżempju, l-assistenti tat-titjira. Ir-regola terzjarja mbagħad tistipula l-liġi tal-post fejn jinsab in-negozju għal każi fejn ir-regoli primarji u sekondarji ma jkunux jistgħu jiġu applikati. Fl-aħħarnett, il-paragrafu 3 jistipula li l-liġi ta' pajjiż ieħor tiġi applikata fejn ikun ċar li l-kuntratt ta' impjieg individwali jkun marbut iktar mill-qrib ma' dak il-pajjiż.*

Emenda 21
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a a) (ġdid)

***(aa) jekk l-impjegat ma jagħmilx xogħolu b'mod abitwali f'pajjiż wieħed biss, skond il-liġi tal-pajjiż fejn l-impjegat jagħmel xogħolu b'mod abitwali fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt;***

Emenda 22
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a b), l-ewwel subparagrafu (ġdid)

|  |  |
|---|---|
|  | ***(ab) Għall-fini tal-punti (a) u (aa), il-post ta' eżekuzzjoni mhux se jitqies li nbidel jekk l-impjegat ikun impjegat għal żmien temporanju f'pajjiż ieħor. Xogħol li jsir f'pajjiż ieħor għandu jitqies bħala xogħol temporanju jekk l-impjegat huwa mistenni li jerġa' lura għall-impjieg fil-pajjiż tan-nisel wara li jkun lesta l-ħidmiet speċifiċi tiegħu fil-pajjiż barrani.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-test jidher fil-punt (a) tal-proposta tal-Kummissjoni u fis-sustanza tiegħu m'hemmx bidliet mit-test tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Il-kwalifika ta' "ħidmiet" bħala "speċifiċi" hija ma ħsuba biex tindika li attività temporanja f'pajjiż ieħor għandha jkollha interpretazzjoni dejqa.*

Emenda 23
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a b), it-tieni subparagrafu (ġdid)

|  |  |
|---|---|
|  | ***Kwalunkwe inkarigu f'pajjiż ieħor għal iktar minn sena għandu jiġi preżunt li ma jikkostitwixxix impjieg temporanju fi ħdan it-tifsira tad-dispożizzjoni u kwalunkwe inkarigu f'pajjiż ieħor għal iktar minn sentejn m'għandux jitqies b ħala impjieg temporanju fil-kuntest tat-tifsira ta' din id-dispożizzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni hija mfassla biex issaħħaħ iċ-ċertezza legali. Il-perjodu ta' żmien propost jirrifletti r-regoli dwar ħaddiema inkarigati fir-Regolament Nru 1408/71.*

Emenda 24
Artikolu 6, paragrafu 3

|  |  |
|---|---|
| 3. Il-liġi *magħżula mill-*paragrafu 2 tista' titwarrab meta mit-totalità taċ-ċirkostanzi jirriżulta li l-kuntratt ta' impjieg jippreżenta rabtiet aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor; f'dan *il-każ, il-liġi* ta' dak il-pajjiż hija applikabbli. | 3. Il-liġi *stipulata fil-*paragrafu 2 tista' titwarrab meta mit-totalità taċ-ċirkostanzi jirriżulta li l-kuntratt ***ta' impjieg individwali*** jippreżenta ***biċ-ċar*** rabtiet aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor*, u* f'dan *il-każ il-kuntratt ikun irregolat mil-*liġi ta' dak il-pajjiż. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li t-test ma jkunx fl-ebda mod ambigwu dwar il-fatt li huma koperti kuntratti ta' impjieg individwali u mhux ftehimiet kollettivi. Iż-żieda ta' l-avverbju "biċ-ċar" isaħħaħ mill-ġdid is-sistema bi tliet safef inkorporata fl-Artikolu 6(2).*

Emenda 25
Artikolu 8, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Ir-regoli ***mandatorji*** huma regoli li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala ***kru ċjali*** minn pajjiż għas-salvagwardja politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn huma applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom, tkun xi tkun il-liġi applikabbli għall-kuntratt skond dan ir-Regolament. | 1. ***Għall-fini ta' dan l-Artikolu,*** regoli ***mandatorji internazzjonali*** huma regoli li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala ***ne ċessarju*** minn pajjiż għas-salvagwardja politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn huma applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom, tkun xi tkun il-liġi applikabbli għall-kuntratt skond dan ir-Regolament. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' regoli mandatorji għandu tifsira iktar ristretta u speċifika milli, pereżempju, fl-Artikolu 6 dwar kuntratti ta' impjieg. Hemmhekk, u fil-każ ta' l-Artikolu 3(5) u 10(4), dak li huwa mfisser huwa regoli mandatorji interni. Għalhekk għandu jkun ċar li t-tifsira fil-paragrafu 1 tirriferi biss għall-Artikolu 6 nnifsu u għal regoli mandatorji internazzjonali. "Kruċjali" ġiet mibdula b'"neċessarju" peress li t-tieni terminu jidher iktar oġġettiv u huwa u żat iktar fil-leġiżlazzjoni.*

Emenda 26
Artikolu 8, paragrafu 3

| | |
|---|---|
| ***3. Jista' jingħata effett lir-regoli mandatorji ta' pajjiż ieħor minn dak tal-forum, li miegħu din is-sitwazzjoni tippre żenta rabta mill-qrib. Biex jiġi deċiż jekk għandux jingħata effett lil dawn il-liġijiet, l-imħallef għandu jieħu f'kunsiderazzjoni n-natura u l-għan tagħhom skond id-definizzjoni ta' l-ewwel paragrafu, kif ukoll il-konsegwenzi li ġejjin mill-applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tagħhom għall-għan miksub mir-regoli mandatorji kif ukoll g ħall-partijiet.*** | ***Imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iddaħħlet riżerva fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni ta' Ruma mill-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit. Huwa meqjus ukoll li n-natura diskrezzjonali, l-inċertezza tal-kriterji li tuża u l-kamp ta' applikazzjoni potenzjali tagħha jistgħu jnaqqsu miċ-ċertezza legali u jinkoraġġixxu sforzi spekulattivi biex jiġu evitati obbligi kuntrattwali, u b'hekk jiżdiedu l-inċertezza u r-riskju għal operaturi ekonomiċi u jiġu involuti spejjeż akbar.*

Emenda 27
Artikolu 18, paragrafu 1, subparagrafu 2

| | |
|---|---|
| Meta l-kuntratt *huwa* konkluż *matul l-operazzjoni* ta' ***sussidjarju***, fergħa jew kwalunkwe stabbiliment ieħor, jew jekk, skond il-kuntratt, il-prestazzjoni taqa' taħt ir-responsabilità ta' l-istabbiliment, dan l-istabbiliment għandu jieħu post il-residenza normali. | Meta l-kuntratt *ikun* konkluż *waqt il-funzjoni* ta' fergħa***, aġenzija*** jew kwalunkwe stabbiliment ieħor, jew jekk, skond il-kuntratt, il-prestazzjoni taqa' taħt ir-responsabilità ta' l-istabbiliment, dan l-istabbiliment għandu jieħu post *ir-*residenza normali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-bidla ġġib l-Artikolu 18 konformi mat-test tar-Regolament Brussell I (Artikolu 60(1)). Ara wkoll l-Artikolu 23 tal-Pożizzjoni Komuni li huwa relatat ma' Ruma II.*

Emenda 28
Artikolu 22

| | |
|---|---|
| Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni jew l-adozzjoni ta' atti *ta' l-*istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej li: | Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni jew l-adozzjoni ta' atti *ta' l-*istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej li: |
| (a) *fir-rigward ta'* kwistjonijiet *partikolari*, *għandhom jiġu stipulati regoli dwar l-għa żla tal-liġi dwar* obbligi kuntrattwali; il-lista ***ta' dawn*** l-atti fis-seħħ attwalment jinsabu fl-Anness 1; jew | (a) *fir-rigward ta'* kwistjonijiet *partikulari*, *għandhom jiġu stipulati regoli dwar l-għa żla tal-liġi dwar* obbligi kuntrattwali; *lista* ***li tinkludi wħud mill-***atti fis-seħħ attwalment *tinsab* fl-Anness 1; jew |
| (b) *jirregolaw* l-obbligi kuntrattwali u li, skond *ir-rieda* tal-partijiet, japplikaw *f'sitwazzjonijiet* fejn ikun hemm kunflitt *tal-*liġijiet; jew | (b) *jirregolaw* l-obbligi kuntrattwali u li, skond *ir-rieda* tal-partijiet, japplikaw *f'sitwazzjonijiet* fejn ikun hemm kunflitt *bejn* liġijiet; jew |

(c) jistipulaw ***regoli biex jiffavorixxu l-funzjonament tajjeb*** tas-suq intern ***fejn dawn ir-regoli ma jistgħux japplikaw b'mod konġunt għal***-liġi magħżula mir-regoli tal-liġi internazzjonali privata.

(c) jistipulaw ***dispożizzjonijiet mfassla biex jikkontribwixxu għall-funzjoni xierqa*** tas-suq intern ***sakemm dawn ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod konġunt mal***-liġi stipulata mir-regoli tad-dritt internazzjonali privat.

*Ġustifikazzjoni*

*Fejn huwa kkonċernat il-punt (a), il-lista fl-Anness I mhix eżawrjenti u t-test ta' din id-dispożizzjoni għandha tirrifletti dan.*

*Il-Punt (c) ġie allinjat mad-dispożizzjoni korrispondenti tal-proposta għal regolament Ruma II kif emendata mill-Parlament fl-ewwel qari.*

Emenda 29
Artikolu 23, paragrafu 2 a (ġdid)

***2a. Stat fejn unitajiet territorjali differenti għandhom ir-regoli tad-dritt tagħhom stess fir-rigward ta' obbligi mhux kuntrattwali m'għandhomx jintrabtu li japplikaw dan ir-Regolament għal kunflitti li huma biss bejn il-liġijiet ta' dawn l-unitajiet.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni ttieħdet mill-proposta għal regolament Ruma II kif ikkunsidrat mill-Parlament u mill-Kunsill fl-ewwel qari. Għandha tħalli lil dawk l-Istati Membri li għandhom bosta ġurisdizzjonijiet biex jiddeċiedu huma stess jekk għandhomx jippromulgaw jew le dispożizzjonijiet imfassla fuq il-mudell tal-liġi Komunitarja meta jiffaċċjaw każi li jkunu kompletament interni.*

Emenda 30
Artikolu 24, paragrafu 3

| | |
|---|---|
| Dan għandu japplika għall-obbligi kuntrattwali li joħorġu *wara li jibda jiġi applikat.* ***Madankollu, għall-obbligi kuntrattwali li joħorġu qabel id-dħul fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan għandu japplika metan id-dispożizzjonijiet tiegħu iwasslu għall-istess liġi li kienet tkun applikabbli skond il-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980.*** | Dan għandu japplika għall-obbligi kuntrattwali li joħorġu *wara li jibda jiġi applikat.* |

*Ġustifikazzjoni*

*Bi prinċipju, leġiżlażżjoni m'għandhiex tkun retroattiva. Din id-dispożizzjoni tidher li żżid kumplikazzjoni żejda u tista' tkun responsabbli għad-dgħajfien taċ-ċertezza legali.*

Emenda 31
Anness 1

| | |
|---|---|
| - Direttiva dwar l-għoti lura ta' oġġetti kulturali meħuda illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (Direttiva 7/1993/KE tal-15.3.1993) | - Direttiva dwar l-għoti lura ta' oġġetti kulturali meħuda illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (Direttiva 7/1993/KE tal-15.3.1993) |
| - Direttiva li tikkonċerna l-*kollokament tal*-ħaddiema fil-qafas tad-dispożizzjoni *tas*-servizzi (Direttiva 71/1996/KE tas-16.12.1996) | - Direttiva li tikkonċerna l-*inkarigu ta'* ħaddiema fil-qafas tad-dispożizzjoni *ta'* servizzi (Direttiva 71/1996/KE tas-16.12.1996) |
| ***- It-tieni Direttiva dwar assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (Direttiva 88/357/KEE tat-22.6.1988, kif ġiet kompletata u emendata bid-Direttivi Nru 92/49/KEE u 2002/13/KE)*** | |
| ***- It-tieni Direttiva dwar assigurazzjoni fuq il-ħajja (Direttiva 90/619/KEE tat-8.11.1990, kif ġiet kompletata u emendata bid-Direttivi Nru 92/96/KEE u 2002/12/KE)*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Barra mill-fatt li t-tieni direttiva dwar l-assikurazzjoni fuq il-ħajja ġiet irrevokata u sostitwita mid-Direttiva 2002/83, l-aħħar żewġ inċiżi għandhom jitħassru.*

*Kuntratti ta' l-assikurazzjoni li jkopru riskji fl-UE għandhom jitqiegħdu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar fatturi li jorbtu l-kuntratt ma' liġi speċifika. Is-settur ta' l-assikurazzjoni u l-klijenti tiegħu fil-qasam li mhux tal-konsumatur għandhom jibbenefikaw mill-għażliet imsaħħa ta' l-għażla tal-liġi. Għażla kawta tal-liġi applikabbli għal kuntratti għandha tippermetti li jiġu offerti prodotti identiċi madwar l-Ewropa, u b'hekk titneħħa l-ħtieġa li jiġu żviluppati prodotti separati għal kull suq. Fil-passat, problemi f'dan il-qasam skoraġġixxew lill-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni milli jagħmlu użu mil-libertà li jipprovdu servizzi għal kollox ħlief kopertura għar-riskji ewlenin. Fir-rigward ta' l-għażla tal-liġi, il-konsumaturi biss għandhom bżonn b'mod ġenerali ta' protezzjoni, inkluż fis-settur ta' l-assikurazzjoni. In-negozji u dawk li jaħdmu għal rashom għandhom biżżejjed esperjenza fin-negozju biex jifhmu r-riskji li qed jieħdu meta jwettqu attivitajiet barra mis-sistema tal-liġi tal-pajjiż tan-nisel tagħhom jew biex jagħrfu ż-żmien meta jkunu jeħtieġu parir legali.*

# NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal regolament (Ruma I) hija maħsuba biex tbiddel il-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980 fi strument Komunitarju u biex tirrivediha, fejn meħtieġ.

Għalkemm ġew espressi dubji f'ċerti rkejjen dwar il-ħtieġa li jiġi adottat regolament, ir-rapporteur tagħkom taħseb li huwa vallapena, fuq il-bażi ta' dawn il-punti li ġejjin: (a) regolament jista' jiġi emendat b'iktar faċilità minn konvenzjoni u, bħala parti mill-*acquis communautaire,* jista' jiġi estiż iktar malajr għall-Istati Membri l-ġodda; (b) tiġi żgurata l-possibilità ta' riferenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal sentenzi preliminarji (ara d-dewmien tal-Bel ġju fl-implimentazzjoni tal-protokols tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja); (c) regolament jippermetti strument waħdieni li jorbot direttament fil-qrati nazzjonali, waqt li r-ratifikazzjoni ta' konvenzjoni internazzjonali f'ħafna pajjiżi teħtieġ l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex il-konvenzjoni tkun torbot fil-liġi domestika. L-uniku żvantaġġ huwa li r-regolament ma japplikax fid-Danimarka. It-tama hija li r-Renju Unit jegħleb in-nuqqas ta' rieda inizjali tiegħu u fl-aħħar jagħti sehmu fl-adozzjoni tar-regolament.

Apparti dan, ir-rapporteur tagħkom tinnota li meta mqabbla mal-Konvenzjoni ta' Ruma ħafna mid-dispożizzjonijiet tar-regolament propost huma ġodda. Hija kunfidenti li dawn jiġu diskussi fil-fond fil-kumitat u tirriżerva d-dritt li tressaq aktar emendi fil-kuntest ta' dawk it-taħdidiet u l-preżentazzjonijiet li hija tirċievi.

L-emendi f'dan ir-rapport huma mfassla biex itejbu t-test kif inhu propost mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-preżentazzjonijiet varji li saru lir-rapporteur u bil-għan li t-test isir iktar konsistenti mal-proġett ta' Ruma II kif inhu bħalissa. Hija tefgħet l-attenzjoni tagħha, b'mod partikulari, fuq ċerti dispożizzjonijiet ewlenin, bħall-Artikolu 4 (Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla) u l-Artikolu 6 (Kuntratti ta' impjieg individwali), fejn hija favur approċċ eqreb għal dak adottat mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu ta' Ruma II u għar-regoli ta' ġurisdizzjonijiet mhux fl-UE dwar kunflitti bejn liġijiet. Ir-rapporteur tagħkom fittxet ukoll li toħloq distinzjoni bejn regoli mandatorji interni u internazzjonali billi emendat l-Artikolu 8 fuq il-bażi li r-riferenzi varji għal "regoli mandatorji" fl-Artikolu 3(5), 6(1) u 10(1) jistgħu joħolqu konfużjoni.

Sar ukoll attentat biex it-tħassib ta' l-industrija ta' l-assikurazzjoni jiġi akkomodat, li għandu jwassal għal benefiċċji tanġibbli għall-operat tas-suq intern ta' l-assikurazzjoni.Fl-aħħarnett, ir-rapporteur tirrimarka li hemm ħafna diskrepanzi bejn il-verżjonijiet f'lingwi differenti tal-proposta tal-Kummissjoni. Hija tittama li waqt il-proċedura dawn jiġu eliminati mill-ġuristi-lingwisti tal-Parlament u tal-Kunsill.